SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA) (It-Tieni Awla

3 ta' Ġunju 2010 *

Fil-Kawża C-258/08,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Ġunju 2008, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Ġunju 2008, fil-kawża

Ladbrokes Betting & Gaming Ltd,

Ladbrokes International Ltd,

vs

Stichting de Nationale Sporttotalisator,

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J.N. Cunha Rodrigues (Relatur), President tal-Awla, P. Lindh, A. Rosas, U. Lõhmus u A. Arabadjiev, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: R. Şereş, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-12 ta' Novembru 2009,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Ladbrokes Betting & Gaming Ltd u Ladbrokes International Ltd, minn W. Hoyng u M. Meulenbelt, avukati, f'isem S. Kon u M. Evans, solicitors,

— għall-iStichting de Nationale Sporttotalisator, minn E. Pijnacker Hordijk, J. van Manen u M. van Wissen, avukati,

— għall-Gvern Olandiż, minn C. Wissels kif ukoll minn M. de Grave u Y. de Vries, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn A. Hubert u L. Van den Broeck, bħala aġenti, assistiti minn P. Vlaemminck, avukat,

— għall-Gvern Daniż, minn J. Bering Liisberg u V. Pasternak Jørgensen, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn M. Lumma u B. Klein, bħala aġenti,

— għall-Gvern Grieg, minn A. Samoni-Rantou, O. Patsopoulou u M. Tassopoulou, bħala aġenti,

— għall-Gvern Spanjol, minn F. Díez Moreno, bħala aġent,

— għall-Gvern Awstrijak, minn C. Pesendorfer, bħala aġent,

— għall-Gvern Finlandiż, minn A. Guimaraes-Purokoski, bħala aġent,

— għall-Gvern Norveġiż, minn P. Wennerås u K. Moe Winther, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn E. Traversa, A. Nijenhuis u S. Noë, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Diċembru 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tittratta dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 KE.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn l-iStichting de Nationale Sporttotalisator, fondazzjoni rregolata taħt id-dritt Olandiż (iktar 'il quddiem "De Lotto") u l-kumpanniji Ladbrokes Betting & Gaming Ltd u Ladbrokes International Ltd, stabbiliti fir-Renju Unit (iktar 'il quddiem il-"kumpanniji Ladbrokes"), dwar l-aġir illegali eventwali ta' dawn tal-aħħar fis-suq Olandiż tal-logħob tal-azzard.

Il-kuntest ġuridiku

3 L-Artikolu 1 tal-liġi dwar il-logħob tal-ażżard (Wet op de kansspelen, iktar 'il quddiem il-"Wok") jipprovdi:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu Va ta' din il-liġi, huwa pprojbit:

a. li tingħata l-possibbiltà li wieħed jikkompeti għal premjijiet jew rigali jekk l-għażla tar-rebbieħa tkun imsejsa esklużivament fuq ix-xorti li fuqha l-parteċipanti ma jkunu jistgħu jeżerċitaw, ġeneralment, l-ebda influwenza effettiva, sakemm ma tkunx ingħatat il-liċenzja għal dan il-għan, skont din il-liġi;

b. li tiġi inkoraġġita l-parteċipazzjoni f'attività imsemmija fil-paragrafu a, offruta mingħajr liċenzja skont din il-liġi, jew f'attività korrispondenti barra mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi fl-Ewropa, jew li wieħed ikollu fil-pussess tiegħu għal dan il-għan dokumenti partikolari għall-pubblikazzjoni jew għad-distribuzzjoni; […]"

4 L-Artikolu 16 tal-Wok jgħid dan li ġej:

"1. Il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Ministru għall-Benesseri, għas-Saħħa Pubblika u għall-Kultura jistgħu jagħtu lil persuna li għandha personalità ġuridika sħiħa liċenzja għall-organizzazzjoni ta' mħatri sportivi għal tul ta' żmien li huma jistabbilixxu, bl-għan li jiġu ffavoriti l-interessi ta' istituzzjonijiet ta' interess ġenerali, b'mod partikolari fil-qasam tal-isport u tal-edukazzjoni fiżika, tal-kultura, tal-benesseri soċjali u tas-saħħa pubblika.

2. Id-dħul tal-organizzazzjoni ta' mħatra […] għandu jiġi applikat għall-finijiet li l-persuna ġuridika trid twettaq permezz tal-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni ta' mħatri fuq l-avvenimenti sportivi.

3. mill-inqas 47.5 % tad-dħul globali mil-logħob tal-ażżard organizzat skont dan it-Titolu u skont it-Titolu IVa, ikkalkulat fuq il-bażi ta' sena kalendarja, għandu jiġi allokat għat-tqassim tal-premjijiet. […]"

5 L-Artikolu 21 tal-Wok jipprovdi li:

"1. Il-Ministri msemmija fl-Artikolu 16 jistabbilixxu regoli marbuta mal-liċenzja ta' mħatri fuq l-avvenimenti sportivi.

2. Ir-regoli jirrigwardaw b'mod partikolari:

a. in-numru tal-imħatri li għandhom jiġu organizzati;

b. il-mod ta' kif għandhom jiġu determinati r-riżultati u l-iskemi tal-premjijiet;

c. l-amministrazzjoni u l-mod ta' kif għandhom jiġu koperti l-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni;

d. l-allokazzjoni tad-dħul tal-imħatri organizzati;

e. l-istatut u r-regolamenti tal-persuna ġuridika;

f. il-verifika tal-osservanza tal-leġiżlazzjoni mill-awtoritajiet;

g. l-preżentazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-attivitajiet u tar-riżultati finanzjarji li minnhom jirriżultaw annwalment mill-persuna ġuridika."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

6 Il-leġiżlazzjoni Olandiża dwar il-logħob tal-ażżard hija bbażata fuq sistema ta' liċenzji esklużivi skont liema leġiżlazzjoni, minn naħa, huma pprojbiti l-organizzazzjoni jew il-promozzjoni ta' logħob tal-ażżard jekk ma tinkisibx liċenzja għal dan il-għan u, min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet nazzjonali jagħtu biss liċenzja waħda għal kull logħba tal-ażżard awtorizzata.

7 Barra minn hekk, jirriżulta mill-proċess tal-kawża prinċipali kif intbagħat lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju li ma teżisti l-ebda possibbiltà li l-logħob tal-ażżard jiġi offert fil-Pajjiżi l-Baxxi b'mod interattiv permezz tal-internet.

8 De Lotto hija fondazzjoni rregolata taħt id-dritt privat mingħajr skop ta' lukru li għandha liċenzja għall-organizzazzjoni ta' mħatri sportivi, tal-lottu u ta' logħob tan-numri. Hija għandha bħala għan, skont l-istatut tagħha, il-gbir ta' fondi permezz tal-organizzazzjoni ta' logħob tal-ażżard u t-tqassim ta' dawn il-fondi bejn istituzzjonijiet li jaħdmu fl-interess ġenerali, b'mod partikolari fil-qasam tal-isport, tal-edukazzjoni fiżika, tal-benesseri soċjali, tas-saħħa pubblika u tal-kultura.

9 Il-kumpanniji Ladbrokes huma attivi fl-organizzazzjoni ta' imħatri sportivi u huma magħrufa b'mod partikolari għall-attivitajiet tagħhom fil-qasam tal-imħatri fissi ("bookmaking"). Fuq is-sit tal-internet tagħha, hija toffri għadd ta' logħob tal-ażżard, prinċipalment marbut mal-isport. Barra minn hekk, hija toffri l-possibbiltà li persuna tipparteċipa fl-imħatri li hija torganizza billi ċċempel lil numru tat-telefown mingħajr ħlas. L-imsemmija kumpanniji ma jeżerċitaw fiżikament l-ebda attività fit-territorju Olandiż.

10 Billi allegat li l-kumpanniji Ladbrokes qed joffru lil persuni li jirrisjedu fil-Pajjiżi l-Baxxi, permezz tal-internet, logħob tal-ażżard li għalih hija ma għandhiex liċenzja mitluba mill-Wok, De Lotto ressqet kawża quddiem l-Imħallef għal miżuri provviżorji tar-Rechtbank Arnhem (qorti tal-prim'istanza ta' Arnhem), sabiex dawn il-kumpanniji jiġu mġiegħla jwaqqfu din l-attività.

11 Permezz tad-deċiżjoni tas-27 ta' Jannar 2003, l-Imħallef għal miżuri provviżorji ta' din il-qorti laqa' din it-talba u ordna lill-kumpanniji Ladbrokes sabiex jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex iwaqqfu l-aċċess għas-sit tal-internet tagħhom fir-rigward tal-persuni li jirrisjedu fil-Pajjiżi l-Baxxi u li jneħħu l-possibbiltà għalihom li jipparteċipaw fl-imħatri bit-telefown. Dawn il-miżuri ġew ikkonfermati permezz tas-sentenzi tal-Gerechtshof te Arnhem (qorti tal-appell ta' Arnhem) u tal-Hoge Raad der Nederlanden (qorti suprema) fit-2 ta' Settembru 2003 u fit-18 ta' Frar 2005 rispettivament.

12 Fil-21 ta' Frar 2003, De Lotto fetħet ukoll proċeduri kontra l-kumpanniji Ladbrokes quddiem ir-Rechtbank Arnhem. Fir-rikors tagħha, De Lotto talbet sabiex tottjeni l-konferma tal-miżuri restrittivi imposti mill-Imħallef għal miżuri provviżorji fuq dawn il-kumpanniji. Permezz ta' deċiżjoni tal-31 ta' Awwissu 2005, din il-qorti laqgħat ir-rikors ippreżentat minn De Lotto u ordnat lill-imsemmija kumpanniji, taħt piena ta' penali, li jżommu l-miżuri ta' twaqqif ta' aċċess għal-logħob tal-azzard, permezz tal-internet u tat-telefown, għall-persuni li jirrisjedu fil-Pajjiżi l-Baxxi. Billi din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata permezz ta' sentenza tal-Gerechtshof te Arnhem tas-17 ta' Ottubru 2006, il-kumpanniji Ladbrokes ressqu appell fl-istanza tal-kassazzjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

13 Fid-dawl tal-fatt li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni hija neċessarja sabiex tkun tista' tiddeċiedi dwar il-kawża quddiemha, il-Hoge Raad der Nederlanden ddeċidiet li tissospendi l-proċedimenti quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Politika nazzjonali restrittiva fil-qasam tal-logħob tal-azzard, li hija intiża biex tiggwida l-inklinazzjoni għal-logħob, u li fil-fatt tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata, jiġifieri t-trażżin tal-vizzju tal-logħob u l-prevenzjoni tal-frodi, billi, permezz tal-fatt li d-disponibbiltà tal-logħob tal-azzard hija rregolata, in-numru ta' mħatri li jsiru huwa (ħafna) inqas milli kien ikun il-każ li kieku ma kinitx teżisti sistema nazzjonali regolatorja, tissodisfa l-kundizzjoni stipulata fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari fis-sentenza tas-6 ta' Novembru 2003, Gambelli [*et*] (C-243/01, Ġabra p. I-13031), li din il-politika għandha tillimita l-attivitajiet ta' mħatri b'mod koerenti u sistematiku, anki jekk id-detentur jew id-detenturi tal-liċenzja huma awtorizzati jrendu l-logħob tal-azzard li joffru attraenti billi jintroduċu logħob tal-azzard ġdid, billi jirreklamaw il-logħob biex jattiraw l-attenzjoni ta' pubbliku kbir għal-logħob tal-azzard li joffru, biex b'hekk ikunu jistgħu jżommu lil persuni li (potenzjalment) jilgħabu 'l bogħod mil-logħob tal-azzard illegali (ara s-sentenza tas-6 ta' Marzu 2007, Placanica, C-338/04, C-359/04 u C-360/04, Ġabra p. I-1891, punt 55, *in fine*)?

2) a) Jekk wieħed jassumi li leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola l-politika tal-logħob tal-ażżard hija kompatibbli mal-Artikolu 49 KE, meta qorti nazzjonali tiġi biex tapplika din il-leġiżlazzjoni għal każ partikolari, għandha, kull darba, teżamina l-kwistjoni jekk il-miżura li għandha tittieħed, bħal inġunzjoni biex websajt partikolari tiġi reża inaċċessibbli, permezz ta' softwer disponibbli għal dan il-għan, għar-residenti tal-Istat Membru kkonċernat sabiex ma jkunux jistgħu jipparteċipaw fil-logħob tal-ażżard disponibbli fuq dan is-sit internet, tikkorrispondix bħala tali u fiha nnifisha, fiċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ, għall-kundizzjoni li l-miżura tissodisfa realment l-għanijiet invokati biex jiġġustifikaw il-leġiżlazzjoni nazzjonali, kif ukoll il-kwistjoni jekk ir-restrizzjoni fuq il-libertà li jiġu pprovduti servizzi li tirriżulta minn din il-leġiżlazzjoni u mill-applikazzjoni tagħha hijiex sproporzjonata fid-dawl ta' dawn l-għanijiet?

b) Biex tingħata risposta għad-domanda 2a, tagħmel xi differenza jekk il-miżura li għandha tittieħed mhijiex ordnata u imposta mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex tiġi osservata l-leġiżlazzjoni nazzjonali iżda hija ordnata fil-kuntest ta' proċeduri ċivili li fiha persuna li torganizza l-logħob tal-ażżard li topera bil-liċenzja meħtieġa titlob li tiġi adottata l-miżura billi ssostni li seħħ att illegali taħt id-dritt ċivili fil-konfront tagħha, inkwantu l-kontroparti kisret il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata u b'hekk kisbet vantaġġ inġust fil-konfront tal-parti li topera bil-liċenzja meħtieġa?

3) L-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-applikazzjoni tiegħu ġġib magħha l-konsegwenza li, abbażi ta' sistema magħluqa ta' għoti ta' liċenzji applikabbli fit-territorju tagħha għall-provvista ta' servizzi fil-qasam tal-logħob tal-ażżard, l-awtorità kompetenti ma tistax tipprojbixxi lill-persuna li toffri dawn is-servizzi u li diġà ngħatat liċenzja fi Stat Membru ieħor biex toffri dawn is-servizzi fuq l-internet milli tipprovdi dawn is-servizzi fuq l-internet anki fl-ewwel Stat Membru msemmi hawn fuq?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

14 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ssaqsi, essenzjalment, jekk leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik fil-kawża prinċipali, intiża sabiex trażżan id-dipendenza għal-logħob kif ukoll sabiex tiġġieled kontra l-frodi, u li tikkontribwixxi b'mod effettiv sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, tistax tiġi kkunsidrata li tillimita l-attivitajiet ta' mħatri b'mod koerenti u sistematiku, anki jekk id-detentur jew id-detenturi ta' liċenzja esklużiva huma awtorizzati jrendu l-logħob tal-ażżard li joffru attraenti billi jintroduċu logħob tal-ażżard ġdid u billi jirrikorru għar-reklamar.

15 L-Artikolu 49 KE jeżiġi t-tneħħija ta' kull restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, anki jekk din ir-restrizzjoni tapplika mingħajr distinzjoni bejn il-prestatarji nazzjonali u dawk ta' Stati Membri oħra, meta din ir-restrizzjoni tkun ta' natura li tipprojbixxi, tfixkel jew tagħmel inqas attraenti l-attivitajiet tal-prestatarju stabbilit fi Stat Membru ieħor fejn jipprovdi legalment servizzi analogi. Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi hija għall-benefiċċju kemm tal-prestatarju kif ukoll tad-destinatarju ta' servizzi (sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, C-42/07, Ġabra p. I-7633, punt 51 u l-ġurisprudenza ċċitata).

16 Huwa paċifiku li leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' logħob tal-ażżard għal sistema ta' esklużività favur operatur wieħed u li tipprekludi kull operatur ieħor, inkluż lil operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor, milli joffri, permezz tal-internet, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, servizzi li jaqgħu taħt l-imsemmija sistema tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita mill-Artikolu 49 KE (sentenzi Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 52, kif ukoll ta' llum stess, Sporting Exchange, C-203/08, Ġabra p. I-4695, punt 24).

17 Madankollu, għandu jiġi eżaminat sa fejn tali restrizzjoni tista' tiġi aċċettata taħt il-miżuri derogatorji espressament previsti fl-Artikoli 45 KE u 46 KE, applikabbli għal dan il-qasam bis-saħħa tal-Artikolu 55 KE, jew ġustifikata, inkonformità mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 55).

18 L-Artikolu 46(1) KE jaċċetta restrizzjonijiet ġustifikati minħabba raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika. Barra minn hekk, il-ġurisprudenza identifikat ċertu numru ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu wkoll jiġġustifikaw l-imsemmija restrizzjonijiet, bħalma huma l-għanijiet ta' protezzjoni tal-konsumaturi, ta' prevenzjoni tal-frodi u tal-inkoraġġiment taċ-ċittadini li jidħlu f'nefqa eċċessiva marbuta mal-logħob kif ukoll ta' prevenzjoni ta' problemi ta' natura soċjali b'mod ġenerali (sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 56).

19 F'dan il-kuntest, il-karatteristiċi ta' ordni morali, reliġjuża jew kulturali, kif ukoll il-konsegwenzi moralment u finanzjarjament dannużi għall-individwu u għas-soċjetà li huma relatati mal-logħob u l-imħatri jistgħu jkunu ta' natura li jiġġustifikaw l-eżistenza favur l-awtoritajiet nazzjonali ta' setgħa diskrezzjonali suffiċjenti sabiex jiġu ddeterminati l-ħtiġijiet li jinkludu l-protezzjoni tal-konsumatur u tal-ordni soċjali (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Gambelli *et*, punt 63, kif ukoll Placanica *et*, punt 47).

20 L-Istati Membri huma liberi li jiffissaw, skont l-iskala ta' valuri tagħhom stess, l-għanijiet tal-politika tagħhom fil-qasam tal-logħob tal-ażżard u, jekk ikun il-każ, li jiddefinixxu bi preċiżjoni l-livell ta' protezzjoni mixtieq. Ir-restrizzjonijiet li huma jimponu għandhom, madankollu, jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda l-proporzjonalità tagħhom (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Placanica *et*, punt 48, kif ukoll Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, punt 59).

21 B'mod iktar partikolari, ir-restrizzjonijiet ibbażati fuq ir-raġunijiet indikati fil-punt 18 ta' din is-sentenza għandhom ikun adatti sabiex jiggarantixxu li jintlaħqu l-imsemmija għanijiet fis-sens li dawn ir-restrizzjonijiet għandhom jikkontribwixxu sabiex jillimitaw l-attivitajiet ta' mħatri b'mod koerenti u sistematiku (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Gambelli *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 67).

22 Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju sabiex tivverifika jekk il-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri jwieġbux verament għall-għanijiet li jistgħu jiġġustifikawhom u jekk ir-restrizzjonijiet minnhom imposti jidhrux li huma sproporzjonati fir-rigward ta' dawn l-għanijiet (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Gambelli *et*, punt 75, kif ukoll Placanica *et*, punt 58).

23 Fil-kawża inkwistjoni, jirriżulta mill-kliem tal-ewwel domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju li din tal-aħħar tidentifika b'mod ċar l-għanijiet li l-Wok tipprova tilħaq, jiġifieri l-protezzjoni tal-konsumaturi billi trażżan id-dipendenza għal-logħob tal-ażżard kif ukoll il-ġlieda kontra l-frodi, u li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tindirizza b'mod effettiv dawn l-għanijiet u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tilħaqhom.

24 Madankollu, l-imsemmija qorti għandha dubji inkwantu għan-natura koerenti u sistematiku tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, peress li din tipprova tilħaq l-għanijiet indikati fil-punt preċedenti filwaqt li tippermetti lill-operaturi ekonomiċi li għandhom liċenzja esklużiva fil-Pajjiżi l-Baxxi sabiex jorganizzaw logħob tal-ażżard, li fosthom hemm De Lotto, li joffru logħob ġdid u li jirrikorru għar-reklamar sabiex irendu iktar attraenti l-offerta tagħhom fis-suq.

25 Hekk kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, politika ta' espansjoni kkontrollata fis-settur tal-logħob tal-ażżard tista' tkun kompletament koerenti mal-għan intiż sabiex jiġbdu persuni li jilgħabu li jeżerċitaw attivitajiet ta' logħob u ta' mħatri klandestini pprojbiti bħala tali lejn attivitajiet awtorizzati u rregolati. Sabiex jintlaħaq dan il-għan, l-operaturi b'liċenzja għandhom jikkostitwixxu alternattiva affidabbli, iżda fl-istess waqt attraenti, għall-attività pprojbita, li fiha nnifisha tkun tista' timplika l-offerta ta' firxa estiża ta' logħob, reklamar fuq skala partikolari u l-użu ta' teknika ġdida ta' distribuzzjoni (sentenza Placanica *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 55).

26 Għalkemm huwa minnu li l-motivi tas-sentenza Placanica *et*, iċċitata iktar 'il fuq, jirreferu biss għall-għan ta' prevenzjoni tal-kriminalità fil-qasam tal-logħob tal-ażżard filwaqt li, fil-kawża prinċipali, il-leġiżlazzjoni Olandiża hija intiża wkoll sabiex trażżan id-dipendenza għal-logħob, jibqa' l-fatt li dawn iż-żewġ għanijiet għandhom jiġu kkunsidrati flimkien peress li jirrigwardaw il-protezzjoni kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-ordni soċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-24 ta' Marzu 1994, Schindler, C-275/92, Ġabra p. I-1039, punt 58; tal-21 ta' Settembru 1999, Läärä *et*, C-124/97, Ġabra p. I-6067, punt 33, kif ukoll tal-21 ta' Ottubru 1999, Zenatti, C-67/98, Ġabra p. I-7289, punt 31).

27 Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża li tressqet quddiemha, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, billi tippermetti lid-detenturi ta' liċenzja esklużiva li joffru logħob ġdid u li jirrikorru għar-reklamar, tistax tiġi kkunsidrata bħala li taqa' fil-kuntest ta' politika ta' espansjoni kkontrollata fis-settur tal-logħob tal-ażżard, intiża sabiex tiggwida l-inklinazzjoni għal-logħob lejn attivitajiet legali.

28 Jekk jiġi kkonstatat li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi qed jadotta politika ta' espansjoni sostanzjali tal-logħob tal-ażżard, billi jinċita u jinkoraġġixxi eċċessivament il-konsumaturi sabiex jipparteċipaw f'dan il-logħob, u li, dan din ir-raġuni, il-finanzjament ta' attivitajiet soċjali permezz ta' taxxa fuq id-dħul li joriġina mil-logħob tal-ażżard b'liċenzja jikkostitwixxi mhux konsegwenza ta' benefiċċju anċillari iżda ġustifikazzjoni reali tal-politika restrittiva implementata minn dan l-Istat

Membru, f'dak il-każ għandu jiġi konkluż li tali politika ma tillimitax b'mod koerenti u sistematiku l-attivitajiet tal-logħob tal-ażżard u għalhekk ma hijiex adatta sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan intiż għat-trażżin tad-dipendenza tal-konsumaturi għal dan il-logħob.

29 Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, huwa b'mod partikolari l-kompitu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika jekk l-attivitajiet ta' logħob illegali jistgħux jikkostitwixxu problema fil-Pajjiżi l-Baxxi u jekk espansjoni tal-attivitajiet awtorizzati u rregolati tkunx ta' natura li tkun rimedju għal din il-problema.

30 Fil-fatt, billi fil-prinċipju l-għan li jiġu protetti l-konsumaturi mid-dipendenza għal-logħob huwa diffiċilment kompatibbli ma' politika ta' espansjoni tal-logħob tal-ażżard, ikkaratterizzata b'mod partikolari mill-ħolqien ta' logħob ġdid u mir-reklamar tiegħu, tali politika tista' tiġi kkunsidrata bħala koerenti biss jekk l-iskala tal-attivitajiet illegali hija sostanzjali u jekk il-miżuri adottati huma intiżi sabiex jiggwidaw l-inklinazzjoni għal-logħob tal-konsumaturi lejn attivitajiet legali.

31 Il-fatt li d-domanda għal-logħob tal-ażżard żdiedet diġà b'mod sostanzjali, b'mod partikolari fuq livell klandestin, kif indikat De Lotto waqt is-seduta, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni..

32 Il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hija intiża mhux biss sabiex tiġġieled il-frodi u l-kriminalità fil-qasam tal-logħob tal-ażżard, iżda wkoll sabiex tiżgura l-protezzjoni tal-konsumaturi. Għaldaqstant, għandu jinstab bilanċ adatt bejn il-ħtieġa ta' espansjoni kkontrollata tal-logħob tal-ażżard b'liċenzja bl-għan li tirrendi dan il-logħob attraenti għall-pubbliku u n-neċessità li titnaqqas id-dipendenza tal-konsumaturi għal dan it-tip ta' logħob.

33 Għall-finijiet ta' din l-evalwazzjoni, ċerti elementi li jinstabu fil-proċess li ngħata lill-Qorti tal-Ġustizzja jistgħu jkunu utli.

34 Skont il-kundizzjonijiet tad-deċiżjoni tal-2004 li tattribwixxi liċenzja esklużiva lil De Lotto għall-organizzazzjoni ta' mħatri sportivi, din "il-fondazzjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet ta' tfittxija ta' klijenti u ta' reklamar jkollhom kontenut sensibbli u bbilanċjat, u għandha b'mod partikolari tiġġieled kontra parteċipazzjoni sproporzjonata fil-logħob tal-ażżard organizzat skont din id-deċiżjoni".

35 Barra minn hekk, permezz ta' ittra tat-23 ta' Ġunju 2004, il-Ministru tal-Ġustizzja Olandiż talab lid-detenturi ta' liċenzji sabiex "jiġi mnaqqas sostanzjalment ir-reklamar u tingħata forma u kontenut lil din il-politika restrittiva fil-qasam tar-reklamar billi jiġi mfassal kodiċi ta' kondotta u ta' reklamar tal-operaturi ta' logħob tal-ażżard applikabbli lilhom kollha". Dan il-kodiċi daħal fis-seħħ fil-Pajjiżi l-Baxxi fil-15 ta' Frar 2006.

36 Dawn l-elementi jistgħu jkunu tali li jistabbilixxu l-eżistenza ta' rieda tal-awtoritajiet nazzjonali li tiġi limitata l-espansjoni tal-logħob tal-ażżard fil-Pajjiżi l-Baxxi b'mod strett.

37 Madankollu, huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju li tiddetermina jekk l-evoluzzjoni tas-suq tal-logħob tal-ażżard fil-Pajjiżi l-Baxxi tippermettix li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' verifika effettiva mill-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru tal-espansjoni tal-logħob tal-ażżard, għal dak li jirrigwarda kemm l-iskala tar-reklamar imwettaq mill-benefiċjarji ta' liċenzja esklużiva kif ukoll il-ħolqien minn dawn tal-aħħar ta' logħob ġdid, u, konsegwentement, li tirrikonċilja b'mod xieraq it-twettiq simultanju tal-għanijiet tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

38 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, intiża sabiex trażżan id-dipendenza għal-logħob kif ukoll sabiex tiġġieled kontra l-frodi, u li tikkontribwixxi b'mod effettiv sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, tista' tiġi kkunsidrata li tillimita l-attivitajiet ta' mħatri b'mod koerenti u sistematiku, anki jekk id-detentur jew id-detenturi ta' liċenzja esklużiva huma awtorizzati jrendu l-logħob tal-ażżard li joffru attraenti billi jintroduċu logħob tal-ażżard ġdid u billi jirrikorru għar-reklamar. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-attivitajiet ta' logħob illegali jistgħux jikkostitwixxu problema fl-Istat Membru kkonċernat, li għaliha espansjoni tal-attivitajiet awtorizzati u rregolati tista' tkun ta' rimedju, u jekk din l-espansjoni hijiex fuq skala li tista' tirrendiha irrikonċiljabbli mal-għan li tittrażżan l-imsemmija dipendenza.

Fuq it-tieni domanda

39 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ssaqsi essenzjalment jekk, sabiex tiġi applikata leġiżlazzjoni ta' Stat Membru dwar il-logħob tal-ażżard kompatibbli mal-Artikolu 49 KE, l-qorti nazzjonali hijiex obbligata tivverifika, f'kull każ, jekk il-miżura ta' implementazzjoni intiża sabiex tiżgura l-osservanza ta' din il-leġiżlazzjoni hijiex adatta li tiggarantixxi t-twettiq tal-għan segwit minnha u hijiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità. L-imsemmija qorti ssaqsi wkoll jekk din id-domanda għandhiex tingħata risposta differenti f'każ li l-miżura li għandha tittieħed hija mitluba mhux mill-awtoritajiet pubbliċi iżda minn individwu fil-kuntest ta' proċedura ċivili.

40 Kif ġie mfakkar fil-punt 22 ta' din is-sentenza, huwa l-kompitu tal-qrati nazzjonali sabiex jivverifikaw jekk il-leġiżlazzjonijiet tal-Istati Membri li jirrestringu libertà fundamentali stabbilita fit-trattat humiex adatti sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għanijiet ta' interess ġenerali li jistgħu jiġġustifikawhom u jekk ir-restrizzjonijiet minnhom imposti jidhrux li huma sproporzjonati fir-rigward ta' dawn l-għanijiet.

41 Il-formulazzjoni tat-tieni domanda hija bbażata fuq il-premessa li l-leġiżlazzjoni Olandiża fil-qasam tal-logħob tal-ażżard hija kompatibbli mal-Artikolu 49 KE.

42 Fil-kawża prinċipali, ir-restrizzjoni għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi ggarantita mill-Artikolu 49 KE toriġina direttament mid-dispożizzjonijiet tal-Wok, sa fejn hija tissuġġetta l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' logħob tal-ażżard għal sistema ta' esklużività favur operatur wieħed u tipprekludi kull operatur ieħor, inkluż lil operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor, milli joffri, permezz tal-internet, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, servizzi li jaqgħu taħt l-imsemmija sistema.

43 Miżura ta' implementazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bħall-ordni mill-Imħallef għal miżuri provviżorji lill-kumpanniji Ladbrokes sabiex iwaqqfu l-aċċess lis-sit tal-internet tagħhom fir-rigward tal-persuni li jirrisjedu fil-Pajjiżi l-Baxxi u sabiex ineħħu l-possibbiltà għalihom li jipparteċipaw fl-imħatri bit-telefown, hija element indispensabbli għall-protezzjoni li dan l-Istat Membru jixtieq jiżgura fit-territorju tiegħu fil-qasam tal-logħob tal-ażżard u għalhekk ma tistax tiġi kkunsidrata bħala restrizzjoni supplementari għal dik li tirriżulta direttament mid-dispożizzjonijiet tal-Wok.

44 Fil-fatt, l-imsemmija miżura ta' implementazzjoni tiżgura biss l-effetttività tal-leġiżlazzjoni Olandiża fil-qasam tal-logħob tal-ażżard. Fin-nuqqas ta' tali miżura, il-projbizzjoni prevista fil-Wok ma jkollha l-ebda effikaċja, peress li operaturi ekonomiċi mingħajr liċenzja mogħtija lilhom mill-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu joffru logħob tal-ażżard fis-suq Olandiż.

45 Billi l-miżura ta' implementazzjoni stabbilita mill-qorti nazzjonali ma timponix, fiha nnifisha, restrizzjonijiet supplementari fuq is-suq, l-eżami tal-konformità tagħha mad-dritt tal-Unjoni huwa marbut strettament ma' dak li wettqet il-qorti nazzjonali għal dak li jirrigwarda l-kompatibbiltà tal-Wok mal-Artikolu 49 KE.

46 F'dawn il-kundizzjonijiet, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-kumpanniji Ladbrokes, ma huwiex iktar neċessarju li jiġi eżaminat jekk il-miżura ta' implementazzjoni hijiex realment iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali, jekk hijiex adatta sabiex tilħaq l-għanijiet intiżi sabiex tiġi limitata d-dipendenza għal-logħob u tiġi miġġielda l-frodi u jekk din ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tilħaq dawn l-għanijiet.

47 Barra minn hekk, il-fatt li l-imsemmija miżura ta' implementazzjoni ġiet adottata wara intervent tal-awtoritajiet pubbliċi intiż sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew wara talba ta' individwu fil-kuntest ta' proċedura ċivili sabiex jiġu protetti d-drittijiet li minnhom jibbenefika permezz tal-imsemmija leġiżlazzjoni huwa mingħajr importanza sabiex tiġi riżolta l-kawża li tressqet quddiem il-qorti tar-rinviju.

48 Fil-fatt, is-suġġett ta' din il-kawża jittratta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 49 KE li d-dispożizzjonijiet tiegħu jagħtu lill-individwi drittijiet li jistgħu jiġu invokati minnhom quddiem qorti u li l-qrati nazzjonali għandhom jipproteġu (ara s-sentenzi tat-3 ta' Diċembru 1974, van Binsbergen, 33/74, Ġabra p. 1299, punt 27, u tal-11 ta' Jannar 2007, ITC, C-208/05, Ġabra p. I-181, punt 67).

49 Huma l-qrati nazzjonali li għandhom, indipendentement mill-proċedura li permezz tagħha tressqet il-kawża quddiemhom, jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiġi ggarantit l-eżerċizzju, fi Stat Membru u f'sitwazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, tad-dritt għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi minn operaturi ekonomiċi.

50 Mill-osservazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda hija li, sabiex tiġi applikata leġiżlazzjoni ta' Stat Membru dwar il-logħob tal-ażżard kompatibbli mal-Artikolu 49 KE, il-qorti nazzjonali ma hijiex obbligata tivverifika, f'kull każ, jekk il-miżura ta' implementazzjoni intiża sabiex tiżgura l-osservanza ta' din il-leġiżlazzjoni hijiex adatta li tiggarantixxi t-twettiq tal-għan segwit

minnha u hijiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, sakemm din il-miżura hija element neċessarju sabiex jiġi żgurat l-effettività tal-imsemmija leġiżlazzjoni u ma timponi ebda restrizzjoni supplementari għal dik li tirriżulta mill-istess leġiżlazzjoni. Il-fatt li l-miżura ta' implementazzjoni ġiet adottata wara intervent tal-awtoritajiet pubbliċi intiż sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew wara talba ta' individwu fil-kuntest ta' proċedura ċivili sabiex jiġu protetti d-drittijiet li minnhom jibbenefika permezz tal-istess leġiżlazzjoni huwa mingħajr importanza sabiex tiġi riżolta l-kawża li tressqet quddiem il-qorti tar-rinviju.

Fuq it-tielet domanda

51 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju ssaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 49 KE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' logħob tal-ażżard għal sistema ta' esklużività favur operatur wieħed u li tipprekludi kull operatur ieħor, inkluż lil operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor, milli joffri, permezz tal-internet, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, servizzi li jaqgħu taħt l-imsemmija sistema.

52 Din id-domanda taqa' fl-istess kuntest legali bħall-ewwel domanda magħmula fil-kawża li tat lok għas-sentenza Sporting Exchange, iċċitata iktar 'il fuq, u hija identika għal din l-aħħar domanda.

53 Il-kumpanniji Ladbrokes isostnu li huma għandhom liċenzja mogħtija lilhom mill-awtoritajiet tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq li tippermettilhom joffru mħatri sportivi u logħob tal-ażżard ieħor permezz tal-internet kif ukoll permezz tat-telefown u huma suġġetti, f'dan l-Istat Membru, għal leġiżlazzjoni stretta ħafna għal prevenzjoni tal-frodi u d-dipendenza għal-logħob tal-ażżard. Huma jallegaw ukoll li, meta Stat Membru jimponi restrizzjonijiet fir-rigward tal-organizzazzjoni ta' dan il-logħob, huwa għandu jieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-interess pubbliku li jiġġustifika r-restrizzjoni inkwistjoni huwa diġà protett mir-regoli stabbiliti mill-Istat Membru li fih il-prestatarju ta' servizzi għandu liċenzja għall-operat ta' dan il-logħob. Il-verifiki u l-garanziji ma għandhomx ikunu doppji.

54 F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li s-settur tal-logħob tal-ażżard offert permezz tal-internet ma huwiex is-suġġett ta' armonizzazzjoni fi ħdan l-Unjoni Ewropea. Għalhekk, Stat Membru jista' jikkunsidra li s-sempliċi fatt li operatur bħal Betfair jipproponi legalment servizzi li jaqgħu f'dan is-settur permezz tal-internet fi Stat Membru ieħor, fejn ikun stabbilit u fejn fil-prinċipju jkun diġà suġġett għal kundizzjonijiet legali u għal kontrolli min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti ta' dan l-Istat tal-aħħar, ma jistax jitqies bħala garanzija suffiċjenti ta' protezzjoni tal-konsumaturi nazzjonali kontra r-riskji ta' frodi u ta' kriminalità, fid-dawl tad-diffikultajiet li jistgħu jsibu, f'tali kuntest, l-awtoritajiet tal-Istat Membru ta' stabbiliment fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-kwalitajiet u tal-onestà professjonali tal-operaturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 69).

55 Barra minn hekk, minħabba n-nuqqas ta' kuntatt dirett bejn il-konsumatur u l-operatur, il-logħob tal-ażżard aċċessibbli bl-internet jimplika riskji ta' natura differenti u ta' portata ikbar meta mqabbla mas-swieq tradizzjonali ta' tali logħob fir-rigward ta' eventwali frodi mwettqa mill-operaturi fil-konfront tal-konsumaturi (sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 70).

56 Il-fatt li operatur li joffri logħob tal-ażżard permezz tal-internet ma għandux politika attiva ta' bejgħ fl-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari minħabba l-fatt li ma għandux aċċess għar-reklamar f'dan l-Istat, ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li jmur kontra l-kunsiderazzjonijiet magħmula fiż-żewġ punti preċedenti. Dawn huma bbażati unikament fuq l-effetti tas-sempliċi aċċessibbiltà tal-logħob tal-ażżard permezz tal-internet u mhux fuq il-konsegwenzi eventwalment diverġenti tal-offerta attiva jew passiva ta' servizzi minn dan l-operatur.

57 Minn dan jirriżulta li r-restrizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista', fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-offerta ta' logħob tal-ażżard permezz tal-internet, titqies bħala ġustifikata minħabba l-għan tal-ġlieda kontra l-frodi u l-kriminalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Liga Portuguesa de Futebol Profissional u Bwin International, iċċitata iktar 'il fuq, punt 72).

58 Għaldaqstant, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprojbixxix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' logħob tal-ażżard għal sistema ta' esklużività favur operatur wieħed u li tipprekludi kull operatur ieħor, inkluż lil operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor, milli joffri, permezz tal-internet, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, servizzi li jaqgħu taħt l-imsemmija sistema.

Fuq l-ispejjeż

59 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, intiża sabiex trażżan id-dipendenza għal-logħob kif ukoll sabiex tiġġieled kontra l-frodi, u li tikkontribwixxi b'mod effettiv sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, tista' tiġi kkunsidrata li tillimita l-attivitajiet ta' mħatri b'mod koerenti u sistematiku, anki jekk id-detentur jew id-detenturi ta' liċenzja esklużiva huma awtorizzati jrendu l-logħob tal-ażżard li joffru attraenti billi jintroduċu logħob tal-ażżard ġdid u billi jirrikorru għar-reklamar. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk l-attivitajiet ta' logħob illegali jistgħux jikkostitwixxu problema fl-Istat Membru kkonċernat, li għaliha espansjoni tal-attivitajiet awtorizzati u rregolati tista' tkun ta' rimedju, u jekk din l-espansjoni hijiex fuq skala li tista' tirrendiha irrikonċiljabbli mal-għan li tittrażżan l-imsemmija dipendenza.**

2) **Sabiex tiġi applikata leġiżlazzjoni ta' Stat Membru dwar il-logħob tal-ażżard kompatibbli mal-Artikolu 49 KE, il-qorti nazzjonali ma hijiex obbligata tivverifika, f'kull każ, jekk il-miżura ta' implementazzjoni intiża sabiex tiżgura l-osservanza ta' din il-leġiżlazzjoni hijiex adatta li tiggarantixxi t-twettiq tal-għan segwit minnha u hijiex konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, sakemm din il-miżura hija element neċessarju sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-imsemmija leġiżlazzjoni u ma timponi ebda restrizzjoni supplementari għal dik li tirriżulta mill-istess leġiżlazzjoni. Il-fatt li l-miżura ta' implementazzjoni ġiet adottata wara intervent tal-awtoritajiet pubbliċi intiż sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew wara talba ta' individwu fil-kuntest ta' proċedura ċivili sabiex jiġu protetti d-drittijiet li minnhom jibbenefika permezz tal-istess leġiżlazzjoni huwa mingħajr importanza għall-eżitu tal-kawża li tressqet quddiem il-qorti tar-rinviju.**

3) L-Artikolu 49 KE għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprojbixxix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-organizzazzjoni u l-promozzjoni ta' logħob tal-ażżard għal sistema ta' esklużività favur operatur wieħed u li tipprekludi kull operatur ieħor, inkluż lil operatur stabbilit fi Stat Membru ieħor, milli joffri, permezz tal-internet, fit-territorju tal-ewwel Stat Membru, servizzi li jaqgħu taħt l-imsemmija sistema.

Firem